# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 17 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 09 ta’ Marzu 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b’mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella Gafà |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Kunsilliera Ħamrun | Is-Sa Carmen Borg |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 17.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

17.1.1 Il-President qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindki ta' Ħal Qormi u tal-Marsa fejn taw ir-raġuni li għaliha ma setgħux jattendu.

17.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġiji b'mod unanimu.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

17.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tas-sittax-il (16) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

17.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Steven Grech u ssekondata mis-Sur Charlot Mifsud, il-Membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 17.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Reġjun Kulturali 2023**

17.3.1 Il-President qal li l-konferenza tat-tnedija tal-pubblikazzjoni tal-ktieb 'Il-Ġimgħa Mqaddsa – Wirt komuni li jgħaqqadna' li saret fil-lokalità tal-Marsa marret tajjeb. Mill-kummenti li qed jidħlu minn dawk il-persuni li xtraw u qraw il-ktieb, jidher li qed jintlaqa' tajjeb. Il-ktieb qed jinbiegħ għall-prezz ta' 10 ewro u l-qligħ kollu se jmur għall-fondazzjoni Malta Community Chest Fund. Fil-jiem li għaddew saret laqgħa mal-Eċċellenza tiegħu Dr George Vella, President ta' Malta, fejn ġie pprezentat kopja tal-ktieb.

**- L-ewwel edizzjoni tas-Southern Region Local Councils' race**

17.3.2 Il-President irrefera għal din l-attività u qal li kienet suċċess. In-nies li attendew għaliha kollha ħadu gost. Hemm il-ħsieb li din it-tiġrija tibqa' ssir kull sena u l-indikazzjonijiet huma li se tikseb aktar popolarità mal-pubbliku.

**- Skema Insaħħu s-Settur Kulturali u Artistiku 2022**

17.3.3 B'referenza għal din l-iskema, il-President semma' kif s'issa daħlu talbiet għar-rimbors minn tmien Kunsilli Lokali. Hu fakkar li t-talbiet għar-rimbors mill-Kunsill Lokali jibqgħu jintlaqgħa sal-aħħar ta' Marzu 2023.

**- Riżenja mill-Maniġer Reġjonali Responsabbli mill-Immaniġġjar tal-Iskart**

17.3.4 Il-President ressaq ittra ta' riżenja mibgħuta mill-Maniġer Reġjonali responsabbli mill-immaniġġjar tal-iskart. Ir-raġuni li ta l-maniġer reġjonali kienet li sab opportunità ta' impjieg b'kundizzjonijiet aħjar. Il-President qal li din il-kariga fil-ħidma tal-Kunsill Reġjonali hi kruċjali sabiex is-servizz tal-ġbir tal-iskart fir-reġjun ikun effiċjenti u jeħtieġ li jibda l-proċess sabiex tinħareġ sejħa għall-mili ta' din il-kariga. Hu talab lill-Membri preżenti sabiex tittieħed deċiżjoni fuq dan is-suġġett.

17.3.5 Il-Membri ddiskutew is-suġġett u ddeċidew li jibdew il-proċeduri sabiex tinħareġ sejħa pubblika ħalli jimtela dan il-post vakanti mal-Kunsill Reġjonali.

**- San Girgor**

17.3.6 Il-President qal li ntbagħtet komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali mill-maniġer tal-kultura sabiex jieħdu ħsieb jorganizzaw trasport għal ħarġa għar-residenti sabiex igawdu ċ-

ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' San Girgor. Il-President talab lill-Kunsilli Lokali sabiex jikkoordinaw mal-maniġer tal-kultura u jissottomettu kwotazzjonijiet għas-servizz tat-trasport għall-approvazzjoni.

**- Prepsoil**

17.3.7 Il-President semma' kif fil-jiem li għaddew, il-maniġer tal-ambjent issottometta applikazzjoni f'isem il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ħalli jipparteċipa f'dan il-proġett u l-applikazzjoni ġiet aċċettata. Hu qal li f'dan il-proġett hemm imsieħba 21 reġjun fl-Ewropa u l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar flimkien ma' dak tat-Tramuntana se jwettqu studju dwar il-kwalità tal-ħamrija f'pajjiżna u xi sfidi qed tiffaċċja.

**- Aġent Segretarju Eżekuttiv**

17.3.8 Il-President qal li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali approvat in-nomina mressqa mill-Membri tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar u s-Sa Mariella Strout se tkun qed tassumi r-rwol ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv b'effett mill-01 ta' April 2023. Bħalissa għaddej il-perjodu ta' tranżizzjoni u handover mis-Segretarju Eżekuttiv uxxenti.

**- Audit Visit**

17.3.9 Il-President semma' kif matul din il-ġimgħa, rappreżentant mill-kumpanija tal-awdituri, qed iżur l-uffiċċju amministrattiv bħala proċedura mill-proċess tal-awditjar li jsir regolari kull sena.

## 17.4 Skeda ta' Pagamenti;

17.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 03/23A li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

17.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Marija Sara Vella Gafà u ssekondata mis-Sa Carmen Borg, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 17.5 Attivitajiet tar-Reġjun Kulturali 2023;

17.5.1 Il-President ippreżenta l-programm tal-attivitajiet tar-Reġjun Kulturali 2023 għat-tliet xhur li ġejjin li ntbagħat minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. Hu ta spjegazzjoni tal-attivitajiet, inkluż dawk li se jkunu qed isiru b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali fir-reġjun. Il-President ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali ħalli jippromwovu dawn l-attivitajiet mar-residenti tagħhom ħalli jkun hawn aktar apprezzament fuq il-wirt kulturali fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

## 17.6 Servizz tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku;

17.6.1 Il-President irrefera għaċ-Ċirkulari 5/2023 'Linji Gwida dwar il-Proċessi tal-Ħlas u Rimbors għas-Servizz ta' Ġbir tal-Iskart', mibgħuta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li ntbagħtet lill-Kunsilli Lokali kollha u għaldaqstant ġiet kunsidrata bħala moqrija. Hu spjega l-mod li bih se jsir il-proċess tal-ħlas għal dan is-servizz.

17.6.2 Il-President semma' kif wara numru ta' laqgħat mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, ġie deċiż li l-kuntrattur jintalab jissottometti stima għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli mill-istabbilimenti kummerċjali (eskluż dawk l-istabbilimenti li mhumiex koperti mill-kuntratt) u ċimiterji. L-istima tal-kuntrattur ġiet sottomessa u ntbagħtet lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill Reġjonali issa qed jistenna direzzjoni kif se jipproċedi.

17.6.3 Il-President żied jgħid li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart jobbliga lill-kuntrattur sabiex jagħmel ġabra għall-iskart fil-ġurnata tal-festa tal-lokalità. Hu wera t-tħassib tiegħu fuq numru ta' nuqqasijiet, fosthom għall-mod kif se jkun qed jinġabar l-iskart fil-jiem l-oħra konnessi mal-attivitajiet tal-festi għax dawn il-ġranet mhumiex koperti mill-kuntratt u l-Kunsilli Lokali se jidħlu fi spejjeż addizzjonali. Hu qal li l-Kunsill Reġjonali bagħat korrispondenza

lill-Kunsilli Lokali sabiex jgħaddulu l-informazzjoni fuq kif normalment isir il-ġbir tal-iskart fil-lokalità fil-jiem tal-festi.

## 17.7 Affarijiet Oħra;

**- Qualification Allowance**

17.7.1 Il-President ressaq talbiet għall-qualification allowance minn tliet membri mill-istaff klerikali wara li temmew b'suċċess u kisbu kwalifiki f'Undergraduate Diploma in Public Management and Governance (MQF level 5 – 60 ECTS). Hu semma' kif skont il-ftehim kollettiv u r-regolamenti tal-PSMC, dawn il-membri tal-istaff huma intitolati għal qualification allowance skont il-grad tal-kwalifika li jkunu kisbu. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

17.7.2 Il-Membri preżenti approvaw il-ħlas tal-qualification allowance lil dawn it-tliet membri mill-istaff klerikali b'effett mill-01 ta' Marzu 2023.

**- Tiġdid tas-Sħubija fl-Assoċjazzjoni La Rotta dei Fenici;**

17.7.3 Il-President ressaq korrispondenza mill-AKL u invoice għat-tiġdid tas-sħubija fl-assoċjazzjoni La Rotta dei Fenici. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti

17.7.4 Il-Membri preżenti approvaw it-tiġdid tas-sħubija b'mod unanimu.

**- Sħubija fl-Organizzazzjoni Volontarja ECAD;**

17.7.5 Il-President ressaq korrispondenza mill-AKL u invoice għas-sħubija fl-organizzazzjoni ECAD (European Cities Against Drugs), li taħdem fuq miżuri restrittivi fuq użu ta' sustanzi illeċiti, partikolarment f'etajiet żgħar. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti għas-sħubija f'din l-organizzazzjoni.

17.7.6 il-Membri preżenti approvaw is-sħubija b'mod unanimu.

**- Servizz ta' Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq;**

17.7.8 Il-President ressaq korrispondenza mibgħuta mill-kuntrattur li għandu l-kuntratt tas-servizz tal-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq għal ħafna mil-lokalitajiet tar-reġjun. Il-kuntrattur informa li meta se jkun qed jintalab isewwi ħsarat fuq lampi antiki li jkollhom bżonn bdil ta' ballast jew ignitor, se jkollu jibdel il-lampa sħiħa għal LED b'dawl ta' 4000K. Ir-raġuni hi li dawn il-parts m'għadhomx aktar disponibbli fis-suq.

## 17.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

17.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.45 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 20 ta' April 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Aġent Segretarju Eżekuttiv